Minuti tal-erbgħa u erbgħin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 29 ta' Marzu, 2012 fit-8.00 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

2108 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 41 li saret fil-24 ta' Jannar 2012, il-Minuti tal-laqgħa numru 42 imsejħa b'urġenza li saret fis-16 ta' Frar 2012 u l-Minuti tal-laqgħa numru 43 li ġiet imsejħa b'urġenza li saret fil-15 ta' Marzu 2012.

**Item 2. Mill-Minuti**

2109 Il-kwotazzjonijiet tal-għamara tal-uffiċċu l-ġdid ħarġu u jagħalqu fit-23 ta' April, 2012.

2110 *(para. 2032)* Id-*Doubley Yellow Lines* ta' Triq Saguna faċċata ta' Triq it-Tin saru mill-ħaddiema tas-Sezzjoni tat-Toroq.

2111 *(para. 2033*) Ix-xogħol fuq ir-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ tal-Measure 323 kważi tlesta.

2112 *(para.2036)* Il-fanali ta' Triq Sannat waslu u l-kuntrattur tal-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq ġie nfurmat ħalli jibda x-xogħol. Min-naħa tagħna ffirmajna id-dokumenti neċessarji. Il-kuntrattur qed jistenna mingħand Transport Malta. Il-MEPA tablet lill-Kunsill sabiex jerġa' jitlob *extention* tal-fondi tal-UIF imħabba x-xogħol ta' resurfacing tal-istess triq.

2113 *(para. 2038)* Rigward il-WiFi internet, il-Go PLC għaddew l-linja fil-bar tas-Soċjeta' Muzikali V. M. u ġie transferit il-modem. Richard Cauchi għadu ma ġiex. Malchom Pisani rranġa ż-żewġ tabelli Merħba li kellhom is-saqajn miksura u waħħalhom fil-post. L-istima tax-xogħol kienet ta' €295.

2114 *(para. 2039)* Rigward il-mappa tal-lokalita' qed nistennew mingħand il-MEPA. Dawn ingħataw l-informazzjoni kollha li talbu. Sal-aħħar ta' din il-ġimgħa kellhom jgħaddulna kollox.

2115 (*para. 2041*) Il-koxox tal-bibien tal-lift saru. Li jonqas biss hu kemm jiġi kkummissjonat il-lift. Il-Kunsill approva li dan jitħallas hekk kif il-lift jibda jiffunzjona.

2116 (*para. 2042*) Rigward l-applikazzjoni tal-EcoGozo u l-Żvilupp Reġjonali għal Pedestrianisation of Open Space fi Triq Skerla ġiet publikata t-tender. Il-perit ġie avżat mis-Segretarju rigward li jista' jkun hemm xi tibdil minn Malta Transport. Il-perit qal li dan hu minimu u mhux ser jaffettwa t-tender.

2117 *(para .2044)* Ix-xtieli għal Triq it-28 ta' April nġabu l-pjanti u tħawlu. Li jonqos issa huma x-xtieli tal-open space ta' Triq il-Kbira.

2118 *(para. 2045)* Il-kawża tal-Barumbara ġiet transferita għat-28 ta' Ġunju 2012 biex titkompla. Qed nistennew li jiġi appuntat l-appell li għamlu Ta' Ċenċ Mansions kontra d-Dipartiment tal-Artijiet.

2119 *(para. 2046)* L-Enemalta approvat sabiex issir bozza ġdida mad-dar 52 fi Triq Ċenċ (PR33 12) u li hemm ma' ta' John Calleja, 'il ġewwa mill-bini, teħel faċċata ta' Ruben Vella (PR32 12). Ruben Vella qed jilmenta li mhux veru li din il-bozza tkabbret.

2120 *(para. 2048)* Rigward Johnny Cauchi li kien għamel ir-recording ta' Notte Scarlata 2010 tad-dramm, bagħat kopja tar-recording. Issa jista' jinħareġ il-pagament. Fir-rigward tal-bibien tal-Kalkara tal-Ġir, is-Segretarju qal li hu vverifika mal-perit li kien inkarigat mir-restawr u qalulu li bibien tal-marine plywood ma jmorrux mal-Kalkara tal-Ġir għaliex ma kienux jeżistu dak iż-żmien. Rigward it-tieqa fil-bieb, din hemm waħda bħalha fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju qal li jekk il-Kunsill jħallas dan ix-xogħol jista' jintilef ir-renbors tal-ispejjez mingħand il-MEPA mill-*Planning Gain Fund* għar-raġuni li kien sar *mission statement* rigward ir-restawr tal-Kalkara tal-Ġir. Apparti dan hemm garanzija bankarja rigward ir-restawr tal-Kalkara tal-Ġir meta nħareġ il-permess tal-MEPA għall-uffiċċju l-ġdid. Is-Sindku ċaħad li hu ta xi ordni lill-kuntrattur biex isir dan ix-xogħol. Sar suġġeriment li l-kuntrattur jagħmel il-*groving* fil-bibien u jagħmel it-tieqa fil-bieba.

2121 *(para. 2072)* Il-PABX (Nru. 7/2011) għall-uffiċini tal-Kunsill Amministrattiv il-ġdid ġiet installata. Li jonqos hu biss li tiġi kkonetjata.

2122 (para. 2073) Il-laqgħa tal-lokalita' saret nhar il-Ħamis, 23 ta' Frar 2012. Għal din il-laqgħa ma attenda ħadd bħala pubbliku.

2123 (*para. 2074*) Il-programm għall-Karnival ta' din is-sena sar nhar it-Tnejn, 20 ta' 2012.

2124 (*para. 2075)* Dwar l-applikazzjoni Ta' Ċenċ Junction saret laqgħa ma' Transport Malta fejn ġew diskussi diversi materji oħra. Waqt din il-laqgħa, il-Kunsillier Teddie Bajada qal li ġie propost xi tibdil fihom minn Transport Malta. Rigward il-Give Way ta' Triq Dun Aquilina ġie propost tibdil fiż-żebgħa għall-*auto turn*. Dwar Ta' Ċenċ Junction parti mit-triq ser tkun One Way tinżel minn Triq Dun Luqa. Dwar il-Pjazza tax-Xelina għandu jsir xi tibdil fiż-żebgħa tal-*auto turn.* Il-perit għandu jgħaddi t-tibdil propost minn Transport Malta għal approvazzjoni. Rigward il-parking spaces fi Triq Ta' Ċenċ din ma ġietx approvata għaliex din il-parti tat-triq hi dejqa.


Kunsill Lokali – Ta' Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

2125 (*para. 2076)* Peress li s-sistema kompjuterizzata bidet tiffunzjona, il-ħinijiet tal-ftuħ il-ġodda tal-librerija qed tinfetaħ kif kien ġie approvat mill-Kunsill:

2126 (*para. 2079)* Il-patching tal-ħofor sar f'diversi toroq. Peress li għamlet ħafna xita parti minnu ġa nqala' u ser jerġa' jsir il-patching tiegħu. Il-kuntrattur Magro beda l-patching tal-Lewż u Triq Mgarr ix-Xini. Hu għandu jiġi ordnat jagħmel patching ta' xi ħofor f'xi toroq oħra.

2127 (*para. 2080)* Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-playing field hemm diversi ħsarat. Il-Kunsill għandu jara dan ir-rapport.

Inġabu tlett kwotazzjonijiet għas-sign tal-playing field taż-żingu li huma:

| No. | Kuntrattur | Qies | Ammont |
|---|---|---|---|
| 1. | Oliver ' Smart Signs | 3ft x 2ft | €120 VAT mhix inkluża |
| | (Din tinkludi d-disinn, brackets, galvinized pole u nstallazzjoni) | | |
| 2. | Refalo Signs | 90 x 60 cm | €75 |
| | (1 pole + printing u mingħajr installazzjoni) | | |
| 3. | Refalo Signs | 90 x 120cm | €150 |
| | (2 poles + printing mingħajr installazzjoni) | | |

Is-Sindku qal li aħjar ikunu tal-perspex oħxon u ser jerġgħu jinġabu kwotazzjonijiet oħra.

2128 (*para. 2082*) Rigward l-għamara għall-uffiċċju l-ġdid, il-perit ipprepara l-kwotazzjonijiet Dawn huma: Front office desk u reception wall unit, wall to wall unit għal arkivju, skrivanija computer desk, wall unit għal uffiċċju tas-Sindku u kitchen unit. Il-plakki ġew ordnati u għandhom jeħlu din il-ġimgħa. Għandu jsir l-xkaffar u cupboard fil-garaxx għall-għodda Għandha ssir notice board fuq barra, letter box u Logo/isem tal-Kunsill.

2129 (*para. 2083)* Rigward il-bibien u twieqi tas-sular ta' isfel l-insurance trid li jsiru CCTV camera u alarm jew *shutters* jew bibien tal-ħadid iggalvanizzat. Għandhom jinġabu tliet kwotazzjonijiet.

*2130* *(para. 2086)* Rigward it-tender 05/2011 għall-kostruzzjoni tal-proġett tar-recreational area ta' Daħla taċ-Ċnus, il-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. qal li hemm xi żbalji fil-kont. Hu qal li l-5% CMF tal-grass Blocks mhix inkluża, kif ukoll iż-żrar ta' taħt il-konkos tal-grass block mhux inkluż. Il-perit ikkonferma dan. Il-Kunsill approva din il-korrezzjoni.

2131 (*para. 2087)* Il-ħarġa għal kulħadd ma saritx u ser issir oħra nhar it-Tnejn, 2 ta' April 2012.

2132 *(para. 2090*) Rigward it-talba ta' Teddy Ellis biex isiru aktar signs "No dog litter" fi Triq Skerla tpoġġiet tabella u tpoġġiet oħra fi Triq Palazz Palina.

2133 (*para. 2091)* Il-bankina ta' Karmenu Gauci, "Tajra House', Triq Cocco Palemeri li kienet perikoluża ġiet irranġata.

2134 *(para. 2092)* Rigward l-ilment ta' Joseph Portelli ta' 53, Triq it-Tilliera biex tiġi rranġata l-bankina tal-garaxx li għandu fi Triq Xabbata kantuniera taħt it-tieqa, din ġiet rranġata mill-ħaddiema tal-IPSL.

2135 *(para. 2093)* Rigward l-Ilment ta' Marlene Muscat dwar ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' fi Triq Mġarr ix-Xini ġew infurmati tal-IPSL. Dawn qalu li ser jagħmluh.

2136 *(para. 2096)* Inkitbet ittra lid-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp rigward Triq it-Tempju tal-Imramma fil-parti l-ġdida fejn inbena dan l-aħħar, li kienet barriera sabiex jingħadda d-drenaġġ u tiġi *resurfaced* it-triq.

**Item 3 Korrispondenza**

2137 Memo 10/2012 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar permessi temporarji għal bejjiegħa fit-toroq (*Street Hawkers*).

2138 Memo 11/2012 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 10 ta' Marzu 2012 biex l-uffiċċju amministrattiv tal-lokalitajiet li għandhom l-elezzjoni għandu jinżamm magħluq.

2139 Memo 12/2012 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 32930 dwar kemm hija n-nefqa ta' kull Kunsill għat-tindif tal-bajjiet u jekk ix-xogħol hux isir mill-ħaddiema tal-gvern jew tal-kuntrattur.

2140 Memo 13/2012 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn irringrazzja lill-Kunsilli Lokali li ser jispiċċaw fl-aħħar ta' Marzu 2012.

2141 Memo 14/2012 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar iċ-Ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra.

2142 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn informa lil xi Kunsilli Lokali inkluż ta' Sannat li l-MEPA ser tikkunttatjhom biex issir laqgħa dwar l-eżerċizju tan-Natura 2000 fil-konfini tagħhom.

2143 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar kif għandu jiddisponi minn oġġetti mhux tajba.

2144 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar *LC Training on Green Public Procurement* li ser isir fit-30 ta' Marzu 2012 fejn jiġi spjegat il-proċess il-ġdid.

2145 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-iskemi pendenti. Il-Kunsilli Lokali ingħataw sal-aħħar ta' April sabiex jissottomettu s-sitwazzjoni tal-proġetti taħt l-iskemi li hemm pendenti u meta ser jitlestew.

2146 Ittra mid-Dipartiment dwar il-Valletta 2018 Foundation fejn talbu informazzjoni dwar proġetti kulturali u restawr ta' bini/pjazzez . Din hi talba għal informazzjoni biss.

2147 Korrispondenza dwar il-kuntratt ta' *Street Lighting Maintenance Contract* bejn Galea Curmi u l-Reġjun ta' Għawdex. Iktar 'il quddiem ser jinħarġu tenders ġodda tas-*Street Lighti*ng wara li dan jiġi diskuss fil-Kumitat Reġjonali. Fil-preżent il-Kunsilli Lokali għandhom jimxu ma' Memo 106/2011 ta' Dipartiment tal-Gvern Lokali billi jiġi estiż il-kuntratt eżistenti sa ma jingħataw struzzjonijiet oħra.

2148 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward r-reviżjoni tal-allokazzjoni finanzjarja 2012. Il-Kunsill ġie nfurmat li wara xi reviżjonijiet fl-Estemi Finanzjarji tal-Gvern, l-allokazzjoni tal-Kunsilli Lokali kellha tiġi reveduta. L-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali ta' Sannat għas-sena 2012 ser tkun dik ta' €207,382 flok €208,572 . Il-Kunsillier Joseph Bajada saqsa kemm kienet l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għas-sena 2011 għaliex hemm min qed jgħid li l-Kunsill ser jingħata inqas flus mis-sena l-oħra. Is-Segretarju nforma lis-Sur Bajada li l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għas-sena 2011 kienet ta' €200,208.

2149 Kopja tal-istqarrija tad-delegazzjoni Maltija tal-Assoċjassjoni tal-Kunsilli Lokali fil-Kumitat tar-Reġjuni li vvotat kontra t-taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji.

2150 Ċirkulari AKL Cirk. 11/2012 - *European Citizenship in Youth Work Training Course in Croatia* mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

2151 Ċirkulari AKL Cirk.52/95 dwar il-programm LIFE bl-isem SUNEAGLE tal-*Green Public Procurment*.

2152 Ċirkulari AKL Cirk. *EU Sustainable Energy Week* 2012 li ser issir bejn it-18 u t-22 ta' Ġunju 2012.

2153 Cirkulari AKL 11/2012 dwar il-programm Youth in Action.

2154 Cirkulari AKL 16/2012 dwar l-għażla tal-Kunsilli Lokali fir-rigward tal-asfaltar tal-kanali meta jsir xogħol mill-WSC. Jekk ix-xogħol tal-asfaltar isir mill-Kunsilli Lokali skond il-ftehim bejn il-WSC u l-AKL jew ix-xogħol tal-asfaltar tal-kanali jsir mill-WSC mingħajr ma l-Kunsill Lokali jħallas xi spejjeż involuti. Il-Kunsill qabel li x-xogħol jsir mill-WSC mingħajr ma l-Kunsill Lokali jħallas xi spejjeż involuti.

2155 Lista mill-MEPA rigward applikazzjonijiet ġodda fosthom *meat packing Class* 11 fi Triq Bardan.

2156 Ittra mill-MEPA dwar il-*policy document* speċifiku biex jistabilixxu l-qafas tal-ippjanar li bih l-art f'Għawdex tista' tkun utilizzata għal skopijiet ta' ħażna. *Open storage* tfisser iż-żamma ta' merkanzija, materjal jew tagħmir ieħor mhux magħluq ġo bini jew struttura, bl-eċċezzjoni ta' faċilitajiet amministrattivi u anċillari.

2157 Il-MEPA ser tagħmel *National Biodivrsity and Action Plan*, u ser tagħmel xi *information sessions* fil-5 ta' April f'Hexagon House.

2158 Il-MEPA infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni tiegħu biex jiġi emendat il-permess PA1717/03 billi jiġu nklużi l-faċilitajiet fir-Rural Recreational Park ser tiġi deċiża fis-27 ta' Marzu 2012 mill-EPC. Rigward dan il-permess għad baqa' l-approvazzjoni tas-Sanita rigward il-public convenience.

2159 Il-Greenpack talbu lill-Kunsill *update tal-household database*. Is-Sindku qal li f'Mejju flimkien mal-GreenPak ser tiġi organizzata Clean Up f' Ta' Sannat. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li hu cempel lil GreenPak rigward il-boros il-ħodor għaliex l-għoxrin ġimgħa ġa għaddew minn meta tqassmu l-boroz lir-residenti.

2160 Ittra mingħand Laurie Zammit tal-KIP dwar materjal ta' kostruzzjoni li nxteħet fl-iskip fi Triq Skerla. Dan tbattal minn Joseph Magro. Dawn qed jilmentaw li ma jistgħux ikomplu sejrin

hekk u jridu iwaqqfu s-servizz tal-*bins on wheels*. Kiteb ukoll Marcell Bonnici mill-istess K.I.P. biex dawn jitneħħew għaliex mhux qed jilħqu l-iskop oriġinali tagħhom. Riċentament kien hemm l-istess problema fi Triq Xamgħan.

2161 Ser issir laqgħa ta' konsultazzjoni dwar il-prevenzjoni, it-tnaqqis u l-kontroll tal-ħsejjes li ser issir fit-28 ta' Marzu 2012 f'Dar il-Mediterran.

2162 Ittra mir-Reġjun ta' Għawdex dwar il-ktieb Gozo Civic Council li jekk l-Kunsill jixtri għaxra minn dawn il-kotba dawn jinxtraw għal prezz ta' €100.

2163 Ser ikun hemm Op*en call – Urban Regeneration and improving the quality of life* mill-Meusac.

2164 Ser issir *information session* mill-MEUSEC dwar *Youth in Action Programme* fit-3 ta' April fil-EUPA premises, Santa Venera..

2165 Ittra mill-Paying Agency rigward il-pagamenti u l-permessi tal-MEPA.

2166 Ittra li ser isiru korsijiet għat-tfal mit-TCTC. Il-prezz hu ta' €1,110 u jistgħu jattendu għalih sa 84 persuna.

2167 Ittra mill-puliżija rigward ilment li kien sar fuq gazzetta rigward it-traffiku fi Triq Dun Xan Aquilina.

**Item 4. Proġett ta' Skerla**

2168 Għandha tinħareġ it-tender għall-embellishment tal-wesgħa ta' Triq Skerla li tikkonsisti billi ssir pavimentar u parkeġġ għall-karozzi. Din it-tender ser tagħlaq fil-4 ta' Mejju 2012.

**Item 5. Proġett tal-Bidwi Park**

2169 Rigward dan il-progett li ser isir taħt Measure 313 għandha tinħareġ it-tender tal-kostruzzjoni. Din tagħlaq fil-11 ta' Mejju 2012.

**Item 6. Playing Field**

2170 Rigward il-playing field ta' Triq Marsiena saret l-applikazzjoni għand il-MEPA għal fondi tal-UIF sabiex isir embellishment tiegħu. Rigward il-pilastru fid-daħla, il-Kunsill għandu jara jekk hemmx bżonn isir permess għand il-MEPA. Għal dan il-proġett ser jintalbu l-flus li hemm f'dan il-fond tal-Urban Improvement Fund. Trid tinħareġ tender għal dan ix-xogħol. Ix-xogħol isir dejjem jekk il-Kunsill jingħata l-fondi. Il-Kunsill irid inġinier biex jiċċertifika li l-playing field hu *safe* għall-pubbliku.

**Item 7. Field Day**

SANNAT

2171 Ser issir Field Day għat-tfal tal-iskola Primarja ta' Sannat li ser tkun abbinata ma' Jum Sannat. Il-Kunsill ser jikkuntatja lil Frott Artna biex jingħata frott għal din l-attivita'. Kull tifel u tifla ser jingħataw flixkun ilma b'xejn. Id-data għad trid tiġi deċiża mal-iskola.

**Item 8. Korsijiet ta l-Aerobics**

2172 Il-Kunsill qabel li jsiru korsijiet tal-Aerobics fl-iskola primarja ta' Sannat. Dawn ser isiru bi ħlas u jiddependi fuq kemm ikunu applikaw parteċipanti.

**Item 9. Korsijiet tal-komputers**

2173 Il-Kunsill qabel li jsiru korsijit tal-komputers għal beginners. Dan jikkonsisti f'Microsoft Office Word u Microsoft Office Excel.

**Item 10. Jum Sannat**

2174 Fil-14 ta' April 2012 ser issir ħarġa f'Malta għaż-żagħżagħ. Bejn il-21 u t-22 ta' April ser isir Weekend Break f'Malta għal kulħadd.

2175 Peress li fit-28 ta' April 2012, Jum Sannat dak inhar f'Malta ser ikun hawn l-International Fireworks Festival, l-attivita' ser tiġi ċċelebrata l-Ġimgħa, 27 ta' April 2012. Il-programm ser ikun jikkonsisti f'serata fis-sala tal-iskola fejn ser jiġi mtellgħa programm mużikali mill-banda D Clef. Ser isiru quiz għat-tfal, komponimenti u tpinġija għat-tfal tal-iskola. Għal din is-sena għandu jingħata wkoll il-premju Ġieħ Sannat. Kull applikazzjoni trid ikollha power point. F'din l-attivita' bħala compare ser ikun hemm Mark Lawrence Zammit u Sefora Gauchi. Wara ssir riċeviment għall-pubbliku preżenti. Għandhom jinġabu l-kwotazzjonijiet għas-sound system tal-attivita'.

**Item 11.Website tal-Kunsill**

2176 (para. 1190) Rigward il-Website tal-Kunsill li nħademt mis-Sur Curmi għal prezz ta' €1,000 ser jagħmel l-hosting u updating tagħha għal madwar €30 fix-xahar.

**Item 12. Budget 2012**

2177 Il-budget tas-sena 2012 tħalla għal laqgħa oħra.

**Item 12. Materja oħra**

2179 Peress li s-siġar u l-grass blocks iridu t-tisqija għandha tintalab kwotazzjoni għas-servizz tat-tisqija tas-siġar.

2180 Rigward it-tiżjin tal-Milied, il-Kunsillier Teddie Bajada qal li mhux sewwa li niġu mqarqin mill-kuntratturi. Hu qal ukoll li dan hu każ tal-pulizija li kuntrattur daħal l-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill u ma qalx x' ser jagħmel. Dan ingħata x-xogħol għar-raġuni li hu qal li l-Meter tad-dawl hu

b'xejn. Is-Sindku qal li lilu talbu ċ-ċavetta u ma jafx x'għamel. Ġie propost li dan jitnaqqaslu €195 mill-kont u jiġi *black listed* għal sena. Is-Segretarju qal li dan ma għandux jitħallas.

2181 Is-Segretarju ppreżenta l-iskedi tax-xogħol l-*Specific conditons tal-Cleaning and Maintenanece of Park and Gardens*. Irridu naħsbu għal tank tal-ilma fuq in-naħa ta' fuq tas-sit u fuq il-ħamrija jsiru l-pipes tad-drip. F'kaz li ma jsirx hekk fis-sajf trid tibqa ssir tisqija darbtejn fil-ġimgħa permezz ta' bowser.

2182 Peress li s-siġar tal-Pjazza Santa Margerita kibru ħafna għandhom bżonn li jinzabru. Għalhekk għandu jintalab il-permess tal-awtoritajiet konċernati sabiex ikun jista' jsir dan iż-żbir.

2183 Il-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex saret nhar il-Erbgħa 28 ta' Marzu fit-3.00 p.m. fil-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku u s-Segretarju u l-perit attendew għal laqgħa li saret mal-Ministeru għal Għawdex dwar diversi materji fosthom Triq Sannat. Preżenti kien hemm id-Direttur Joseph Portelli, id-Direttur Anthony Zammit u l-perit Anglu Portelli. Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol fuq it-Triq Sannat ser jbda f'Mejju 2012 wara li jintgħażel kuntrattur mill-lista tal-Transport Malta. Dan ser isir ħalli x-xogħol ikun jista' jibda kemm jista' jkun malajr. Din it-triq għandha titqaxxar, jsir il-culvert tal-ilma u jingħata l-*hot rolled asphalt*. Jekk possibbli t-twaħħil tal-fanali tal-Kunsill jiġi kkordinat max-xogħol li ser isir ta' resurfacing bil-hot rolled asphat ta' triq li ser isir mill-Ministeru għal Għawdex. L-ewwel li ser isir hu l-culvert tal-ilma. Rigward Triq Bardan ser jingħata l-*hot rolled asphalt* fil-parti residenzjali fejn mhix asfaltata.

2184 Rigward it-*two door cupboards* għal librerija, inġabu tlett kwotazzjonijiet li kienu:

| No. | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Francis Cauchi | €540.00 |
| 2. | Kompakt Trading Ltd. | €566.40 |
| 3. | MB Distributers Ltd. | €578.20 |

Il-Kunsill approva dik ta' Francis Cauchi għal prezz ta' €540.00ċ

**Item 13. Ilmenti**

2185 Il-mera miksura ma' dar fi Triq ta' Ċenċ ġiet irranġata.

2186 Josette Bugeja talbet sabiex tiġi rranġata t-triq ġdida fi Triq Saguna li għadha kif ġiet iffurmata.

2187 Josephine Grey, 84, Triq Saguna dwar żibel li qed jintefa quddiem il-bieb ta' dar tagħha li qed jittqatta' mill-klieb.

2188 Sammy Magro, 4, Sunflower, Triq Paranji rigward it-triq tat-tarmak li niżlet bil-piż tat-trakkijiet tal-ġebel. Hu ppropona li l-wiċċ tat-triq jerġa isir b'mod li ma jiżommx ilma u trabijiet kif ukoll li l-parti li għadha ma ngħatatx tarmak tingħata wkoll.

2189 Joseph Mario Portelli, 52 Triq it-Tilliera li talab sabiex fi Triq Paranji faċċata tal-garaxx tiegħu jsiru *Double Yellow Lines* għaliex meta jkun irid joħroġ bil-karozza minn gol-garaxx

ma jkunx jista', għar-raġuni li qed ikun hemm karozzi ipparkjati faċċata tal-garaxx. Il-Kunsill ma qablix li jsiru dawn is-sinjali għar-raġuni li ħadd ma jista' jimblokka l-garaxijiet ta' ħadd.

2190 Alfred Hili, Charmant, Triq Indri Borg, Xewkija ilmenta fuq il-ħajt li qed jinbena fi Triq Saguna biex ma jħallux bibien miftuħa għal ġo l-għalqa tiegħu.

2191 Ganni Pace, *God Bless Our House*: Triq San Indrija, Xewkija ilmenta li waqt li nbena l-ħajt tas-sejjieħ fi Triq Saguna, il-kuntrattur li bena l-ħajt għamillu ħafna ħsara fil-wiċċ tar-raba li kien miżruħ qamħ. Hu talab li jiġi kkompensat tal-ħsara li saret lilu. Hu kkalkula li għandu €180 ħsara tal-wiċċ. Il-Kunsill qabel li jekk saret xi ħsara fir-raba', is-Sur Ġanni Pace għandu jitlob l-kumpens lill-kuntrattur li għamel ix-xogħol għaliex il-ħsara saret minnu.

2192 Loreto Zerafa, *Larton*, Triq Dun Frangisk Mizzi, Għajnsielem talab bankina ġdida fi Triq Ta' Ċenċ ma' dar ġdid, ħdejn id-dar 130. Jekk jiġi provdut il-materjal għal din il-bankina hu lest li jagħmilha hu. Il-Kunsill għandu jitlob permess tal-Customer Care sabiex din il-bankina ssir għaliex hi triq arterjali.

2192 Ruben Vella ta' Triq ta' Ċenċ talab sabiex id-*double yellow lines* li saru faċċata tal-wesgħa jitneħħew. Dan ġie approvat mill-Kunsill.

2193 Jason Mifsud ta' Triq Qortina talab biex issir bozza ġdida fejn tiegħu. Din ġiet approvata.

2194 Georga Muscat ta' Triq Marsilja tablet sabiex issir bollard fejn tagħha.

2195 Is-Sindku ippropona li l-bankina ta' quddiem Carmel Grima fi Triq Xabbata titneħħa għaliex hi ta' periklu kbir. Il-Kunsill approva li din titneħħa.

2196 Il-Kunsill qabel li jerġa' jikteb lill-MEPA u lill-pulizija rigward binja perikoluza li hemm fi Triq l-Ikxbiex.

2197 Is-Sindku ppropona li titneħħa r-rampa li hemm fi Triq Xabbata faċċata ta' Triq Dun Xand Aquilina. Il-Kunsill approva li din titneħħa.

2198 Is-Sindku ppropona li titpoġġa kanna forma ta' T biex jiddendel l-iskart fi Triq Cortina.

**Item 14. Approvazzjoni ta' Pagamenti**

2199 Ġew approvati l-kontijiet pendenti skont Skeda Nru. 21 annessa mal-Minuti.

Il-laqgħa spiċċat fil-11.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

SANNAT